# FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.

**Kawża Nru: 426/08**

**Illum: 27 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Gaetano Azzopardi**
**(ID 282173(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Gaetano Azzopardi ta' 33 sena, iben Evarist u Mary nee` Cini, imwieled il-Pieta`, nhar it-3 ta' April 1973, residenti 134, Triq San Ġorġ, Paceville, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 282173(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-15 ta' Novembru 2006 u xhur qabel, ġewwa Paceville, San Ġiljan, u fi bnadi oħra f'Malta:

a. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Nhar il-15 ta' Novembru 2006, għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00), PS 1086 Johann Micallef u PC 138 Joseph Portelli, waqqfu lill-imputat ġewwa Dragonara Road, Paceville.

Skont PS 1086, x'ħin waqqfu lill-imputat, huma marru jagħmlu tfittxija ġewwa *Tropicana Hotel* fil-kamra bin-numru 326, fejn kien qed joqgħod l-istess imputat. L-istess xhud ikompli jgħid illi "*Minn tfittxija fil-persuna tiegħu, fil-jeans instabu 9 qratas suspettati bl-eroina u żewġ qratas tal-karti wkoll imċappsa suspettati bl-eroina*."[1] Fuq il-persuna tiegħu, nstabet ukoll is-somma ta' madwar €160. Sussegwentement, saret tfittxija fir-residenza tal-istess imputat, fejn kien jgħix ma' ommu, u f'kexxun fil-kamra tiegħu nstabu tlett iqratas oħra suspettati bl-eroina.[2]

Skont PC 138 Joseph Portelli, fil-jum in kwistjoni, hu u PS1086 għamlu tfittxija "*fuq il-persuna ta' Gaetano Azzopardi. Konna waqqafnieh Paceville. Hemm hekk kienet saret tfittxija ġo kamra fit-Tropicana Hotel. Hemm hekk kienu nstabu 9 pakketti qratas tal-karti bi trab kannella suspettat eroina u żewġt iqratas oħra vojta. Niftakar ukoll konna elevajna l-ammont ta' LM160*".[3] Jgħid in oltre illi wara kienet saret tfittxija oħra fir-residenza fejn l-istess imputat kien

[1] A fol. 11 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 10 u 11 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 35 u 36 tal-proċess.

joqgħod mal-ġenituri tiegħu fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan u mill-komodina tiegħu, elevaw tlett iqratas oħra bi trab kannella suspettat eroina.

L-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Nezren Grixti jixhed illi nhar il-15 ta' Novembru 2006, għall-ħabta tal-4.00 p.m., l-imputat ġie mwaqqaf minn PS 1086 u PC 138 ġewwa Triq Dragonara, Paceville. Skont l-istess xhud, fuq il-persuna tiegħu, il-pulizija ma sabu xejn u skortawh ġewwa t-*Tropicana Hotel*, f'Paceville stess, fil-kamra 326. Hemmhekk instab li kien fil-pussess ta' disa' *sachets* tal-karti bi trab kannella allegatament eroina, żewġ *sachets* oħra ukoll bi trab kannella u s-somma ta' Lm161. Iktar tard ittieħed ġewwa r-residenza tiegħu mill-istess PS 1086 u PC 138, fejn instabu wkoll tliet *sachets* tal-karti bi trab kannella.[4] L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar il-15 ta' Novembru 2006.[5]

Skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur minn din il-Qorti sabiex janalizza s-sustanza esebita, jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed ossia *envelope* ta' lewn kannella li ġo fih kien hemm borża tal-plastik immarkata Dok NG1[6] li fiha kien hemm:

(1) Borża tal-palstik trasparenti li fiha:

   (i) karta bil-kliem Data 15-11-06 Ħin 4:00pm Elevat/i minn ġewwa r-residenza ta' ommu fil-preżenza ta' Gaetano Azzopardi minn PS1086, PC138;

   (ii) 3 qratas tal-karti li fihom trab ta' lewn kannella;

   (iii) biċċa karta u borża tal-plastik trasparenti vojta.

(2) Borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 15-11-06 Ħin 4:00pm Elevat/i minn ġewwa l-but fil-preżenza ta' Gaetano Azzopardi minn PS1086, PC138 u 9 qratas tal-karti li fihom trab ta' lewn kannella.

Skont il-konklużjonijiet tal-istess espert, fuq estratt meħud mit-trab ta' lewn kannella fid-dokument fuq imsemmi, instabet is-sustanza eroina. Il-piż tat-trab kien ta' 2.06 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

4 Ara x-xhieda tal-Ispettur Nezren Grixti, a fol. 27 sa 29 tal-proċess.
5 Ara din l-istqarrija a fol. 2 tal-proċess.
6 Is-sustanza ġiet esebita bħala Dok. NG1 mill-Ispettur Nezren Grixti waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2013.

Is-sustanza kienet maqsuma fi 12-il qartas tal-karti b'piżijiet li jvarjaw bejn 0.08 grammi u 0.25 grammi.[7]

In kontro-eżami ix-Xjenzat Godwin Sammut jgħid illi in kwantu l-piż indikat fir-relazzjoni, dan jirrifletti biss il-piż tas-sustanza mingħajr il-karta li fiha kienet tinsab l-istess sustanza. Fisser ukoll illi in kwantu l-purita`, f'dan il-każ, stante li kien hemm ammont ta' qratas, huwa ħa ħames qratas u għamel *purity check* fuqhom individwalment biex b'hekk ħareġ *average*. Xehed ukoll illi għalkemm il-purita` ma kinitx l-istess f'kull *sachet*, effettivament din kienet simili u għalhekk seta' joħroġ l-*average*. Żied jispjega illi kieku f'xi waħda mis-*sachets* sab purita` kompletament differenti, huwa kien jirraporta dwar dan il-fatt ukoll b'mod separat u ma kienx iqis dan ir-riżultat biex jaħdem l-*average*.

Xehdet ukoll Dr Anna Maria Vella, *Senior Medical officer* ġewwa s-*Substance Misuse Outpatients Unit* (*Detox Centre*), li qalet illi l-imputat ilu jmur id-*Detox* mis-sena 1998, li kellu problema kbira tad-droga u li kienet diffiċli ħafna għalih illi jieqaf. Spjegat illi għalkemm kien hemm perjodi qosra li fihom l-imputat prova jwaqqaf dan l-użu, billi anke prova jattendi għal programm u prova anki jegħleb il-vizzju waħdu, sas-sena 2013 kien għadu jabbuża mid-droga. Mis-sena 2013 'il quddiem, l-imputat ma baqax jagħmel użu mid-droga u lanqas baqa' jfittex għajnuna.[8]

**Ikkunsidrat**:

Fl-ewwel lok, il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Kif ingħad, l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija fil-15 ta' Novembru 2006 wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u għalhekk fiż-żmien meta l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u wisq inqas id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. L-ewwel dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni dritt imsemmi daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-każ **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemm hekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Generali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Generali et**

[7] Din ir-relazzjoni tinsab immarkata bħala Dok. GS u esebita a fol. 44 *et seq* tal-proċess.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 87 u 88 tal-proċess.

tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Generali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali iżjed riċenti fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk ilproceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mirrikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali*." [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ,

kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li kienet ta' preġudizzju għalih u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza riċenti tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżerċitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti qed tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija bħala prova inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jibda biex jingħad illi għalkemm l-imputazzjoni odjerna tirreferi għall-jum tal-15 ta' Novembru 2006 u xhur qabel, il-Prosekuzzjoni ressqet biss prova dwar is-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat nhar il-15 ta' Novembru 2006. M'hemm l-ebda prova fl-atti dwar il-pussess tad-droga da parti tal-istess imputat li tirreferi għax-xhur ta' qabel u għaldaqstant in kwantu l-imputazzjoni tirreferi għal dan iż-żmien, din ma tirriżultax ippruvata.

Mill-provi fl-atti, kif ingħad, jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' tnax-il qartas tal-karti bid-droga eroina u s-somma ta' mija, wieħed u sittin Liri Maltin (Lm161). M'hemmx dubju għalhekk illi l-imputat instab fil-pussess tad-droga eroina u għaldaqstant, dak li trid tikkunsidra l-Qorti huwa jekk jirriżultax, fil-grad rikjest mil-liġi, illi dan il-pussess kien wieħed aggravat ossia illi d-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tal-imputat ai termini tal-imputazzjoni odjerna.

Dwar il-kunsiderazzjonijiet li għandha tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk il-pussess hux wieħed għall-użu personali jew inkella aggravat, ġie ritenut hekk fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-każijiet mhux l-ewwel darba li jippreżentaw ċerta diffikolta` biex wieħed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiża għall-użu personali jew biex tiġi spaċċjata. Il-prinċipju regolatur f'dawn il-każijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni w a bazi tal-provi li jinġabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jiġifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova, ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista', skond iċ-ċirkostanzi tal-każ tkun biżżejjed.*" U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirkostanza li waħedha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika w l-buon*

*sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza aktar riċenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' April, 2017 fejn ingħad hekk:

"*Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li jressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "***possession with intent to supply***", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:*

*"**Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha**."*

*Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista' issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk:*

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

*• Possession of a quantity inconsistent with personal use.*

*• Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*

*• Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*

*• Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

*• Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

*• Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

*• Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

*• Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

*• Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case."*

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article* ***may be inferred from objective factual circumstances****."*

*Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista' issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta' l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.*"

Issa f'dan il-każ fil-waqt illi m'hemmx dubju illi l-imputat instab fil-pussess ta' tnax-il qartas bl-eroina, tlieta mil-liema nstabu fir-residenza tiegħu u tal-ġenituri tiegħu ġewwa kexxun f'kamartu, mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu f'dan il-każ, il-Qorti għandha dubju dwar fejn instabu d-disat iqratas l-oħra. Fil-waqt illi PS 1086 jgħid illi dawn instabu fuq il-persuna tal-imputat, fil-*jeans*, PC 138 jgħid illi dawn instabu fil-kamra tal-lukanda *Tropicana Hotel.* L-Uffiċjal Prosekutur – li ma kienx preżenti għat-tfittxija – ukoll jgħid illi fuq il-persuna tal-imputat ma nstab xejn, u li la darba skortat fil-lukanda, huwa nstab fil-pussess ta' disat iqratas bi trab kannella, fost affarijiet oħrajn. In oltre għalkemm it-*tag* mal-esebit tiddeskrivi din is-sustanza bħala li nstabet fil-but tal-imputat odjern, biss ħadd mill-pulizija li wettqu t-tfittxija ma kkonferma d-deskrizzjoni fuq din it-*tag* u l-Qorti lanqas m'għandha ħjiel dwar min kitibha u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, fid-dawl tad-diskrepanza fix-xhieda taż-żewġ pulizija li wettqu t-tfittxija, il-Qorti ma tistax tikkonkludi illi dawn il-qratas instabu proprju fuq il-persuna tal-imputat ossia fil-but tiegħu. Ifisser ukoll illi possibilment, din id-droga nstabet fil-kamra tal-lukanda msemmija.

Tqis ukoll illi mix-xhieda ta' Dr. Anna Maria Vella jirriżulta illi l-imputat kien ilu jattendi ġewwa d-*Detox* sa mis-sena 1998 u illi kellu problema kbira ta' droga, tant illi huwa baqa' f'dan il-vizzju sas-sena 2013. Il-Qorti tqis ukoll illi anki mill-fedina penali aġġornata tal-imputat jirriżulta illi huwa nstab ħati ta' pussess sempliċi ta' droga eroina fis-sena 2002 u dan b'referenza għar-reat li seħħ fis-17 ta' Novembru 2001 u fl-aħħar xhur ta' qabel din id-data, kif ukoll ta' pussess sempliċi ta' raża tal-cannabis fis-sena 2007 u dan b'referenza għar-reat li seħħ fis-27 ta' Marzu 2003 u l-aħħar xhur ta' qabel din id-data.

Jibqa' l-fatt madanakollu illi anke jekk jirriżulta ppruvat illi l-imputat kien jagħmel użu mid-droga, bħal f'dan il-każ, dan ma jwassalx neċessarjament

għall-konklużjoni illi tali droga kienet kollha intiża għall-istess imputat. Huwa proprju għal din ir-raġuni illi l-Qorti għandha tevalwa ċ-ċirkostanzi kollha li fiha tinstab id-droga, sabiex tiddetermina jekk dawn iċ-ċirkostanzi humiex tali li jistgħu jwassluha sabiex tikkonkludi, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, illi dik id-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tal-pussessur.

F'dan il-każ, għalkemm b'kollox instabu tnax-il qartas, b'piżijiet relattivament simili, tlieta minn dawn instabu fir-residenza tal-imputat. Dwar id-disgħa l-oħra, kif ingħad, il-Qorti ma tistax tikkonkludi b'ċertezza li dawn instabu fuq il-persuna tiegħu. Issa veru illi l-fatt illi d-droga kienet maqsuma fi tnax-il qartas, disgħa minnhom barra r-residenza tal-imputat, u illi l-piżijiet tagħhom kienu relattivament simili jista' jkun indikattiv ta' pussess mhux għall-użu esklussiv, iżda fiċ-ċirkostanzi, u fin-nuqqas ta' provi oħrajn li juru xort'oħra, meta wieħed iqis ukoll illi ma jistax jingħad illi dawn instabu fuq il-persuna tal-istess imputat, barra mil-lukanda u illi t-trab kollu kellu piż totali ta' 2.06 grammi, mentri d-disat iqratas kellhom piż ta' 1.5 grammi – ammonti dawn li ma jeskludux li d-droga kienet għall-użu personali - u in oltre illi l-imputat kellu vizzju serju tad-droga, il-Qorti ma tqisx illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi tali droga ma kinitx għall-użu esklussiv tal-istess imputat.

Għaldaqstant, tqis illi l-imputazzjoni kif dedotta ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata, b'dan illi l-imputat qed jinstab ħati tal-pussess 'sempliċi' tad-droga eroina.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali aġġornata tal-imputat, kif ukoll l-ammont ta' droga misjub fil-pussess tiegħu. Tqis ukoll illi mix-xhieda ta' Dr. Anna Maria Vella, jidher illi l-imputat irrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga.

In oltre la darba ma tirriżultax il-provenjenza tas-somma ta' mija u wieħed u sittin Liri Maltin (Lm161) esebita fl-atti, il-Qorti ser tordna r-rilaxx tal-istess somma favur l-imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu, iżda qed issibu ħati tar-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga eroina u dan b'referenza biss għall-15 ta' Novembru 2006 (u mhux għax-xhur ta' qabel) u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mitejn, disgħa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€269.87), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dokument NG1 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' mija, wieħed u sittin Liri Maltin (Lm161) esebita bħala Dokument NG2 favur il-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat